TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/20/14/S

Melanie Cassar Orsini
Vs
Future Focus Limited

Illum 13 ta'Novembru,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Melanie Cassar Orsiniipprezentata fit-28 ta'Jannar,2014 u r-risposta tas-socjeta Future Focus Limited ipprezentata fil-15 ta'Mejju,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fil-25 ta'Settembru,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kors 'Cache Level 4 Childcare Diploma' li skont ir-rikorrenti applikat ghalih bil-ghan li tahdem bhala 'Kindergarten Assistant' fi skola pubblika filwaqt li s-socjeta intimata kkontendiet li hi ma tiggartantix ix-xoghol u li hu dmir ta' kull persuna li ticcekkja li dak li qed tapplika ghalih, hu korrett ghax-xoghol mixtieq;

Illi jinghad mal-ewwel li hija responsabilita ta' dak li jkun se jixtri prodott jew servizz li jara sew li dak li se jixtri hu dak li effettivament ghandu bzonn jew jixtieq;

Illi skont ir-rikorrenti, hi saqsiet lis-socjeta intimata u r-rikorrenti dejjem giet infurmata li dak il-kors hu dak li ghandha bzonn;

Illi dan it-Tribunal ihoss li tali informazzjoni ghandha tinghata lil kull konsumatur biex dan ikun f'pozizzjoni cara biex jiddeciedi jekk jihux tali kors jew le;

Illi hafna drabi persuna ssegwi kors biex tuzah fl-ambitu tax-xoghol u r-rilevanza tal-kwalifiki hu essenzjali f'dan ir-rigward;

Illi kif gja kellu okkazjoni jishaq dan it-Tribunal, kulmin qieghed fil-qasam tal-edukazzjoni bhas-socjeta intimata ghandu jaghti informazzjoni cara, dettaljata u korretta dwar x'ikopri kors u ghalxiex jista' jintuza'. B'hekk il-konsumatur ikun f'pozizzjoni li jaghmel decizjoni infurmata;

Illi l-informazzjoni necessarja kellha tinghata lir-rikorrenti mal-ewwel u qabel thallas u mhux fl-ewwel lezzjoni wara li kienet hallset €400;

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa';

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Melanie Cassar Orsini filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Future Focus Limited u Jordna lis-socjeta Future Focus Limited thallas lil Melanie Cassar Orsini s-somma ta' €400, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru